MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT

## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tad-29 ta' Jannar, 2015

Numru 1290/2014

**Pulizija**

**Spettur Robert Vella**

**Vs**

**Ahmed Naser Abdallah Imhamed**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Ahmed Naser Abdallah Imhamed ta' 19- il sena, bin Naser Abdallah Muhammed u Hawwa Gima Hasan, mwieled Benghazi, Libja, nhar it- 13 ta'

Jannar 1994, residenti gewwa fond mhux maghruf u detentur tal- passaport Libjan bin- numru 138702;

Talli nhar il- 25 ta' Dicembru 2014 ghall- habta tal- 4.00am gewwa Triq il-Kbira San Guzepp, Hamrun;

1) Attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b' hebb ta' xorta li ma titqisx vjolenza pubblika kontra l- persuna ta' PC1052 Brian Tonna, persuna inkarigata skont il- ligi minn servizz pubbliku, fil-aqt li kien qed jagixxi ghall- esekuzzjoni tal- ligi jew ta' ordni moghtija skont il-ligi minn awtorita' kompetenti;
2) Talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi ingurja, hedded jew ghamel offiza fuq il- persuna ta' PC 1052 Brian Tonna, persuna inkarigata skont il- ilgi minn servizz pubbliku, waqt li kien qed jaghmel jew minhabba li ghamel dan is- servizz, jew bil- hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l- ligi fl- esekuzzjoni ta' dak is- servizz;
3) Talli fl- istess data, hin lok u cirkostanzi, ghamel offiza ta' natura gravi fuq il- persuna ta' PC 1052 Brian Tonna skont kif icceritifikat minn Dr Monica Camilleri MD (Reg no 3377) mic- Centru tas- Sahha tal-Floriana;
4) Talli fl- istess lok, data, hin u cirkostanzi volontarjament kiser il- k wiet u l- bon ordni pubblika b' ghajjat u glied;
5) Talli fl- istess data ghall- habta tat- 3.30am gewwa l- Kazin tal- Partit Nazzjonalista sitwat gewwa Triq il- Kbira San Guzepp, Hamrun, ikkommetta serq ta' mobile phone tal- ghamla Samsung bin- numru tal- IMEI 35665006317052/8 liema serq ma jeccedix €232.94 ghad-dannu ta' Heather Tanti u/ jew persuni ohra;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f'dawn il-proceduri, liema ammissjoni giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi, u wara li l-imputat gie mwissi solennement minn din il-Qorti dwar il-konsegwenzi li din l-ammissjoni setghet iggib maghha;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat;**

Illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-ewwel seduta quddiem din il-Qorti, u ghalhekk ma kienx hem mil-htiega ta' smigh ta' provi f'din il-kawza. Kienu gew esebiti l-istqarrija tal-imputat, ir-rapport tal-okkorrenza maghmul mill-Pulizija, u c-certifikati medic ital-griehi li kien sofra ufficjal tal-Pulizija f'dan il-kaz. Il-fatti fil-qosor kienu s-segwenti. Fil-lejl bejn l-24 u l-25 ta' Dicembru, 2014, il-kwerelanta Heather Tanti kienet f'hanut tax-xorb il-Hamrun meta nsteraq il-mobile taghha. Presenti fl-istess lokal kien hemm PC 1052 Brian Tonna, li dak il-hin ma kienx xoghol, u dan identifika ruhu bhala Pulizija u staqsa lil xi nies li kienu presenti jekk kellhomx il-mobile ta' Tanti. Meta gie ghall-imputat, li ukoll kien fl-istess bar u kien fis-sakra, sab il-mobile misruq fil-pussess tieghu, u l-

imputat tah daqqiet ta’ sieq f’idu, li b’konsegwenza t’hekk Tonna sofra ksur f’sebghu l-kbir. Il-mobile gie ritornat minnufih lil Tanti. Fl-istqarrija l-imputat ammetta li kien seraq il-mobile, ghalkemm ighid li kien fis-sakra, u skuza ruhu ghall-incident mal-kuntistabbli.

Bhala piena, in vista li l-imputat ghandu fedina penali ghal kollox netta kif ukoll in vista tal-eta’ tenera tieghu, il-Qorti sejra taghti multa lill-imputat, kif ukoll taghtih piena ta’ prigunerija sospiza, bl-isperanza li dawn iservu ta’ taghlima u ta’ deterrent qawwi li incidenti ohra bhal dawn ma jirrepetux ruhhom.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 96(a), 95, 215, 221(1), 338(dd), 284 u 285 tal- Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Fuq ammissjoni din il- Qorti ssib lill- imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah multa ta’ erbat elef ewro (€4,000), kif ukoll ghal sentejn prigunerija sospizi ghal erba’ (4) snin, ai terminu tal- Artikolu 28A tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti fissret fi kliem car il-portata tas-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------